**8 ta' Lulju, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D. A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

**Joseph Camilleri**

***versus***

**Bashir Othman Othman *et***

## Mandat - Kjamat in Kawża - Appalt

*Evalwazzjoni tal-provi mill-Qorti rigward jekk f'dan il-każ kienx inghata appalt tax-xoghlijiet jew jekk kienx hemm mandat biex jinstabu nies biex jesegwixxu x-xoghlijiet.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju, 1996 fil-kawża fl-ismijiet premessi li tinqara hekk:

"Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz taghha l-attur ippremetta illi l-konvenut huwa debitur ta' l-attur fl-ammont ta' Lm763.80,0 bilanċ minn somma akbar rappreżentanti valur ta' xoghol ta' dawl u ilma u materjal fornit ghall-istallazzjoni ta' l-istess fil-fond Fatima House, Triq Ġużè Muscat Azzopardi, l-Iklin, maghmul mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut;

Premess illi ghalkemm il-konvenut ġie interpellat premezz ta' ittra legali huwa baqa' inadempjenti;

L-attur talab li din l-Onorabbli Qorti, ghar-raġunijiet premessi:

Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm763.80,0 bilanċ minn somma akbar rappreżentanti prezz valur ta' xogħol ta' dawl u ilma u materjal fornit għall-istallazzjoni ta' l-istess fil-fond Fatima House, Triq Ġużè Muscat Azzopardi, l-Iklin, kif premess;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra legali u bl-imgħax legali mid-data ta' l-esekuzzjoni effettiva ta' l-istess xogħol sa l-effettiv pagament kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut a fol. 13 fejn eċċepixxa:

Illi in linea preliminari u kif jiġi ppruvat ampjament fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawża, l-eċċipjent m'għandu ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur billi l-appalt relattiv ingħata lil ċertu Alfred Balzan u mhux lill-attur b'mod li l-eċċipjent għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-digriet tas-sittax (16) ta' Diċembru, 1993 li bih ġie kkjamat fil-kawża Alfred Balzan fol. 60;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-kjamat fil-kawża a fol. 81 fejn eċċepixxa:

Illi l-pretensjonijiet ta' l-attur huma infondati, fil-konfront ta' l-eċċipjent, fid-dritt u fil-fatt għaliex huwa kien dejjem jaġixxi a nom tal-konvenut u ma' l-attur qatt ma kellu relazzjonijiet legali diretti;

Illi għalhekk l-eċċipjent għandu jiġi lliberat *ab observantia*;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Illi l-attur qed jitlob is-somma ta' Lm763.80 bilanċ ta' somma akbar għal xogħol ta' *plumbing* u *electricity* li hu għamel fid-dar tal-konvenut fuq inkarigu tal-kjamat fil-kawża;

Il-konvenut qed jeċċepixxi li hu m'għandu ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur. Hu xehed li kien qabbad lill-ikkjamat fil-kawża biex jieħu ħsieb jispiċċalu d-dar u jqabbad in-nies. Kien tah somma flus li minnha kellu jħallas lil min iqabbad;

Il-kjamat fil-kawża kkonferma dan u qal li fil-fatt hu ma kienx ħallas lill-attur għax il-konvenut ma kienx fadallu flus biżżejjed;

Dwar din l-eċċezzjoni jirriżulta li l-ikkjamat fil-kawża kien il-mandatarju tal-konvenut u skond il-liġi l-konvenut jibqa' responsabbli għall-pagament tan-nies li qabbad il-kjamat fil-kawża għan-nom tiegħu. Jirriżulta li l-attur kien ħadem fid-dar ta' l-attur u l-konvenut kien jaf b'dana, tant li skond il-kjamat fil-kawża dan kien anke indika lill-attur fejn ried il-*points* ta' l-elettriku;

Skond l-artikolu 1880 tal-Kodiċi Ċivili:

"(1) Il-mandant għandu jesegwixxi l-obbligazzjonijiet li l-mandatarju jkun ikuntratta skond is-setgħat li huwa jkun tah.

(2) Hu mhux obbligat għal dak li l-mandatarju jkun għamel barra mil-limiti ta' dawk is-setgħat, ħlief jekk hu jkun irratifika espressament jew taċitament dak l-għemil";

Imbagħad l-artikolu 1868 jipprovdi:

"Meta persuna tiġi mqabbda biex tagħmel ħaġa fil-kors ordinarju tal-professjoni jew xogħol tagħha, mingħajr ma jiġu espressament limitati s-setgħat tagħha, jitqies li lil din il-persuna ngħatat is-setgħa li tagħmel dak kollu li jidhrilha meħtieġ għall-esekuzzjoni tal-mandat, u li, skond ix-xorta tal-professjoni jew tax-xogħol hawn fuq imsemmija, jista' jiġi magħmul minnha";

Fil-każ in eżami l-kjamat fil-kawża xehed li hu dejjem aġixxa għan-nom tal-konvenut, u dejjem fil-limiti tas-setgħat mogħtija lilu mill-konvenut. Hu ma ħallasx għax il-konvenut ma kellux aktar flus;

Dwar l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut li x-xogħol ma sarx skond is-sengħa u l-arti dina ma ġietx ippruvata. Fil-fatt il-kjamat fil-kawża xehed li meta kien hemm xi *complaint* l-attur irranġaha. Inoltre, fix-xhieda tiegħu l-konvenut qatt ma semma' li kellu xi *complaint* fuq ix-xogħol ta' l-attur. Hu kellu problemi mal-kjamat fil-kawża u mhux ma' xi ħaddiema speċifiċi;

Għalhekk l-eċċezzjonijiet tal-konvenut qed jiġu respinti;

Dwar l-eċċezzjoni tal-kjamat fil-kawża jirriżulta li dan dejjem aġixxa għan-nom tal-konvenut u għalhekk mhux resonsabbli għall-ħlas li qed jitlob l-attur. Jekk hemm xi pendenzi bejn il-konvenut u l-kjamat fil-kawża, dawn l-attur m'għandux x'jaqsam magħhom u l-attur għandu jitħallas mill-konvenut imbagħad se mai l-konvenut ifittex lill-ikkjamat fil-

kawża għall-pendenzi li hemm bejniethom;

L-attur talab is-somma ta' Lm763.80 skond id-dokumenti a fol. 5/6 tal-proċess. Dan l-ammont jidher li hu ġustifikat u għandu jiġi mħallas;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi, prevja li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' l-eċċezzjoni tal-kjamat fil-kawża, tilqa' t-talba ta' l-attur bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut";

Il-konvenut interpona appell mis-sentenza preċitata u espona li l-aggravju tiegħu jikkonsisti fis-segwenti:

"Illi mill-provi prodotti jirriżulta li l-assenti konvenut ta appalt lill-ikkjamat in kawża biex huwa jagħmel xi xogħlijiet fil-fond ta' l-assenti konvenut biex dan jiġi reż abitabbli;

In konsegwenza ta' dan il-fatt inħolqot relazzjoni ġuridika direttament bejn l-assentii konvenut u l-kjamat in kawża. Ċertament ma setgħet tinħoloq ebda relazzjoni ġuridika bejn l-assenti konvenut u terzi nkarigat mill-appaltatur biex jagħmel ix-xogħol fid-dar ta' l-esponent. In effetti l-persuni inkarigati mill-appaltatur, ċjoè il-kjamat in kawża, kellhom relazzjoni ġuridika direttament u esklussivament miegħu. Ċertament il-persuni inkarigati mill-ikkjamat in kawża fil-vesti ta' appaltatur, ma kellhom ebda relazzjoni ġuridika ma' l-assenti konvenut. Konsegwentement f'każ ta' xi disputa bejn il-kjamat in kawża u xi persuna minnu inkarigata in materja ta' ħlas in konnessjoni ma' xi prestazzjoni esegwita fil-fond ta' l-esponent, simili kwistjoni kienet tinvolvi lilhom ad esklużjoni ta' l-appaltant, ċjoè l-assenti konvenut, salv id-dritt ta' regress tal-kjamat in kawża kontra l-assenti konvenut;

Bir-rispett kollu l-esponent *nomine* jissottometti li d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti kienet ibbażata fuq premessa żbaljata stante li l-Ewwel Qorti rriteniet illi r-relazzjoni ġuridika eżistenti bejn l-assenti konvenut u l-kjamat in kawża kienet ibbażata fuq l-istitut tal-mandat mentri in effetti din kienet naxxenti minn relazzjoni ta' appalt;

F'dawn iċ-ċirkostanzi huwa ċar illi, għalkemm setgħet qamet kwistjoni bejn l-attur u l-kjamat in kawża dwar xi ħlas, l-attur appellat kien intitolat li jistitwixxi proċeduri legali fil-konfront tal-kjamat in kawża u mhux kontra l-assenti konvenut, kif fil-fatt sar, billi l-attur kien ġie inkarigat mill-kjamat in kawża u mhux mill-assenti konvenut b'mod li l-eċċezzjoni ta' l-assenti konvenut, fis-sens li huwa ma kellu ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur, kienet ġuridikament fondata u għalhekk messha ġiet milqugħa;

Dwar l-eċċezzjoni ulterjuri ssollevata mill-assenti konvenut, fis-sens li x-xogħol ma sarx skond l-arti u s-sengħa, jirriżulta li l-assenti konvenut ma kellux l-opportunità li jipprova dina l-pretensjoni billi ma ġiex innominat perit tekniku biex jinvestiga din l-allegazzjoni da parti ta' l-esponent kif isir meta tiġi ssollevata eċċezzjoni ta' din in-natura. Il-fatt li l-kjamat in kawża xehed li meta kien hemm xi lanjanza da parti ta' l-esponent huwa dejjem irrimedja, bl-ebda mod ma tipprova li x-xogħol sar skond l-arti u s-sengħa. Kien jispetta lill-perit tekniku *supra partes*, espert in materja biex jistabbilixxi l-veraċità o meno tal-pretensjoni ta' l-assenti konvenut f'dan ir-rigward, iżda kif intqal din in-nomina ma saritx;

Għaldaqstant l-esponent *nomine*, filwaqt li jagħmel refrenza għall-provi ġà prodotti fl-ewwel istanza u jirriserva li jġib il-provi kollha permessi mil-liġi fl-istadju tat-trattazzjoni tal-preżenti, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti

joghgobha tirrevoka s-sentenza riferita moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju, 1996 fil-kawża fl-ismijiet premessi u b'hekk tiċhad it-talba ta' l-attur appellat kif dedotta fl-att taċ-ċitazzjoni ċitata kif ukoll l-eċċezzjonijiet tal-kjamat in kawża u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet issollevati mill-assenti konvenut kif fuq intqal, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat";

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' Joseph Camilleri ghar-rikors ta' l-appell ta' Abdu Razak Zmirli bhala mandatarju ta' l-assenti Bashir Othman Othman li biha huwa espona:

"Illi s-sentenza fl-ismijiet premessi ddatata 27 ta' Ġunju, 1996, hija ġusta u timmerita konferma ghar-raġunijiet indikati fl-istess sentenza;

Illi fit-tieni lok u bla preġudizzju ghall-premess jiġi rrilevat li la darba l-appellanti fir-rikors ta' l-appell tieghu ma ndikax ai termini ta' l-artikolu 144 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta kontra min mill-partijiet qed jaghmel il-preżenti appell, allura tali appell *ope legis* sar kontra l-partijiet kollha fil-kawża fl-ismijiet premessi u ghandu ghalhekk jiġi debitament innotifikat kemm lill-esponenti kif ukoll lill-ikkjamat in kawża;

Illi di più u bla preġudizzju ghall-premess, l-appell ta' l-appellanti huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u dan stante:

Illi jirriżulta mix-xhieda moghtija mill-appellat li Alfred Balzan kien avviċina lill-istess esponenti bhala mandatarju tal-konvenut appellant, tant illi l-istess konvenut irrikonoxxieh bhala l-persuna li qed taghmel l-appalt, tant li qabbdu jaghmel diversi xoghlijiet ohra u alterazzjonijiet kif jidher spjegat mill-affidavit ta' l-istess esponenti;

Di più jirriżulta ukoll mill-irċevuta mmarkata bħala dokument JC1 li l-konvenut ħallas tramite Alfred Balzan is-somma ta' Lm200 pagament akkont ta' l-istess xogħlijiet, ilkoll elenkati fid-dokumenti JC2 hemm anness;

Illi di più mix-xhieda ta' l-istess Alfred Balzan mogħtija *minnu fis-16 ta' Diċembru, 1993 jidher ċar illi l-istess Alfred* Balzan ġie mqabbad bħal mandatarju mill-konvenut, tant li hu sostna li l-mandat tiegħu kien li "jeħodlu ħsieb in-nies, u jqabbadlu n-nies biex ikomplulu x-xogħol fid-dar tiegħu". Sostna ukoll li kien il-konvenut innifsu li għamel il-*points* ta' l-elettriku u wera lill-attur fejn kellhom jiġu l-affarijiet kollha in konnessjoni ma' l-istess xogħol;

Di più rriżulta mil-istess kawża li l-appellant ma kellu qatt ebda oġġezzjoni dwar ix-xogħol ta' l-attur u l-unika ħaġa li kienet teżisti kienet kwistjoni dwar xi xogħlijiet oħra li l-appellat ma kienx involut fihom bejn l-istess appellanti u l-kjamat fil-kawża, b'dan li l-appellat odjern baqa' jiżfen sal-lum bejniethom u għadu ma tħallasx;

Illi jirriżulta ukoll mix-xhieda ta' l-appellant innifsu li huwa kien inkariga lill-ikkjamat in kawża sabiex jeħodlu ħsieb biex isiru x-xogħlijiet neċessarji fid-dar tiegħu u l-istess appellanti ammetta li kellu diversi inkontri ma' l-istess appellat, kemm kif kelllhom isiru x-xogħlijiet u ukoll dwar alterazzjonijiet li huwa stess kien irrakkomanda li jsiru. Fl-aħħarnett l-istess appellant ammetta anke meta ġie mistoqsi mill-Qorti li x-xogħlijiet kollha saru fid-dar tiegħu a benefiċċju għalih u li huwa ma kellu ebda oġġezzjoni rigwardanti l-istess;

Illi għalhekk jidher ċar li l-appell magħmul mill-appellanti sar biss sabiex l-istess konvenut jevita li jħallas tax-xogħlijiet li issa ilu jgawdi l-frott tagħhom għal diversi snin, u dan

inġustament. Di più l-appell hekk magħmul ma fih ebda fondament fattwali u legali u huwa a dirittura vessatorju u b'abbuż għall-proċeduri ta' appell kif istitwiti fil-liġi. Dan jirriżulta bl-aktar mod pależ mill-fatt li waqt li fix-xhieda l-konvenut sostna li huwa qatt ma lmenta dwar ix-xogħol ta' l-attur, illum fl-appell tiegħu sostna li x-xogħol ma sarx skond l-arti u s-sengħa, meta quddiem il-Qorti meta mistoqsi x'kien dan ix-xogħol li qed jilmenta dwaru, huwa ma kellu ebda risposta;

Illi, fi kwalunkwe każ, u bla preġudizzju għal dak premess ċertament li l-attur appellat għandu dritt jitħallas tax-xogħol tiegħu mill-konvenut jew mill-kjamat in kawża, in vista tal-fatt li l-appell sar kontra l-partijiet kollha, għalkemm il-fatti kif esposti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti ma jħallu l-ebda dubbju li l-konvenut appellant għandu jħallas ta' l-istess xogħlijiet;

Illi għalhekk in vista tal-premess, u għar-raġunijiet oħra li jinġiebu waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-appell tal-konvenut għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu u għandu addirittura jiġi ddikjarat vessatorju ai termini tal-liġi u l-konvenut jiġi kkundannat iħallas id-*doppio spese*;

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellant";

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' Alfred Balzan li bih espona:

"Illi rriżulta sodisfaċentement li l-esponent Balzan, kjamat fil-kawża, dejjem aġixxa a nom tal-konvenut, ma ħallasx iżjed lill-attur għaliex il-konvenut spiċċa sprovvist minn fondi u ma tax iżjed flus lill-ikkjamat fil-kawża biex iħallas. Irriżulta ukoll li l-konvenut kien jaf kif għandu jsir ix-xogħol ordnat, tant li kkontrolla personalment parti minn dan ix-xogħol u l-istess konvenut ma ċaħadx dan il-fatt, li jkompli jissostanzja s-

sottomissjoni ta' l-esponent li l-konvenut huwa tenut li jissodisfa lill-attur;

Għalhekk l-esponent jissottometti bir-rispett li l-appell jimmerita li jiġi miċħud, biż-żewġ istanzi kontra l-konvenut";

*Omissis*;

Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa li lill-ikkjamat fil-kawża, Alfred Balzan, huwa tah appalt tax-xogħlijiet in kwistjoni u mhux inkarigah bħala mandatarju tiegħu biex isiblu nies biex jesegwixxu x-xogħlijiet. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet evalwazzjoni ġusta tal-provi akkwiżiti meta hija kkonkludiet li l-kjamat fil-kawża kien mandatarju tal-konvenut. Il-provi juru li l-konvenut kien talab lill-ikkjamat fil-kawża jeħodlu ħsieb ix-xogħlijiet, kemm bħala ħabib, kif ukoll għax huwa *Surveyor* u *Technical Engineer*, u għalhekk jaf kif għandhom isiru x-xogħolijiet kif ukoll li jaf lin-nies li jistgħu jagħmlu x-xogħlijiet. Huma t-tnejn kienu għamlu lista tax-xogħlijiet li kellhom isiru fid-dar tal-konvenut. Il-konvenut kien jgħaddi akkonti lill-ikkjamat fil-kawża li bihom dan ta' l-aħħar kien iħallas tal-materjali u tax-xogħlijiet lin-nies li kienu jkunu fornewhom jew esegwewhom, skond il-każ. Il-kjamat fil-kawża kien jagħti rendikont lill-konvenut. Il-konvenut ġieli mar mal-kjamat fil-kawża biex jordna ċerti materjali, bħal ma huwa l-irħam. Il-kjamat fil-kawża kien iħallas f'isem il-konvenut u l-irċevuti kienu joħorġu f'isem il-konvenut, għalkemm f'xi każi ma sarx hekk jew għax l-irċevuti ntbagħtu bil-posta jew għax min irrilaxxa l-irċevuta kien jaf lill-ikkjamat fil-kawża;

Għar-rigward ta' l-attur, kemm il-kjamat fil-kawża kif ukoll l-attur ikkonfermaw li l-konvenut iltaqa' diversi drabi ma' l-attur waqt l-esekuzzjoni tax-xogħlijiet fid-dar tal-konvenut u

kien indika lill-attur fejn ried li jsiru l-*points* ta' l-elettriku kif ukoll iddiskuta affarijiet oħra rigwardanti l-istallazzjoni ta' l-elettriku;

Konsegwentement, il-konvenut għandu jiġi ritenut personalment responsabbli fil-konfront ta' l-attur għax-xogħlijiet esegwiti mill-attur li saru fuq inkarigu tal-kjamat fil-kawża bħala mandatarju tal-konvenut;

Għalhekk, l-ewwel aggravju dedott mill-appellant huwa infondat u għandu jiġi miċħud;

Ikkunsidrat dwar it-tieni aggravju li jirrigwarda l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut, fis-sens li x-xogħol esegwit mill-attur ma sarx skond is-sengħa u l-arti, l-appellant qed jilmenta li huwa ma ngħatax l-opportunità li jipprova l-eċċezzjoni billi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma nnominatx perit tekniku biex jinvestiga (*sic*) din l-allegazzjoni tal-konvenut;

Minn eżami tal-provi prodotti jirriżulta li l-konvenut ma kellu qatt ebda ilment dwar ix-xogħol ta' l-attur, u għalhekk, kienet ġustifikata l-Ewwel Onorabbli Qorti meta ċaħdet l-eċċezzjoni in diżamina fuq il-motiv li fix-xhieda tiegħu stess il-konvenut qatt ma semma' li kellu xi *complaint* fuq ix-xogħol ta' l-attur u l-kjamat fil-kawża xehed li meta kien hemm xi *complaint* l-attur kien irrimedja fejn kien hemm bżonn. Isegwi li ma kienx hemm lok li jiġi nnominat perit tekniku;

Għalhekk, anke t-tieni aggravju ta' l-appellant huwa infondat u għandu jiġi miċħud;

Għal dawn il-motivi, u dawk tas-sentenza appellata, tiddeċidi billi tiċħad bħala infondat l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi

**kontra l-konvenut appellant.**

---